REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/568

tal-24 ta' Mejju 2016

li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar fi swieq regolati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ([1]) u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 51(6) tagħha,

Billi:

(1) Titoli trasferibbli għandhom biss jitqiesu bħala negozjabbli liberament jekk qabel l-ammissjoni għan-negozjar ma jkunu jeżistu l-ebda restrizzjonijiet li jimpedixxu t-trasferiment ta' dawk it-titoli b'mod li jfixkel il-ħolqien ta' suq ġust, ordinat u effiċjenti.

(2) Sabiex titolu trasferibbli kif iddefinit fid-Direttiva 2014/65/UE, fil-każ ta' titolu fit-tifsira tad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), ikun ammess għan-negozjar f'suq regolat jeħtieġ li jkun hemm informazzjoni pubblikament disponibbli suffiċjenti sabiex tippermetti li dak l-istrument finanzjarju jiġi vvalutat sabiex jiġi nnegozjat b'mod ġust, ordinat u effiċjenti. Barra minn hekk, fil-każ ta' ishma, numru adegwat għandu jkun disponibbli għad-distribuzzjoni lill-pubbliku, u għad-derivattivi titolizzati għandu jkun hemm arranġamenti adegwati ta' saldu u ta' konsenja.

(3) Titoli trasferibbli li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-ammissjoni f'lista uffiċjali skont id-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandhom jitqiesu bħala negozjabbli liberament u li jistgħu jiġu nnegozjati b'mod ġust, ordinat u effiċjenti.

(4) L-ammissjoni għan-negozjar f'suq irregolat ta' unitajiet maħruġa minn intrapriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli jew fondi ta' investiment alternattivi ma għandhiex tippermetti li jiġu evitati d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jew tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Għalhekk, huwa neċessarju għal operatur ta' suq regolat li jivverifika li l-unitajiet ta' negozjar li huwa jammetti għan-negozjar jirriżultaw minn skema ta' investiment kollettiv li tikkonforma mal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti. Fil-każ ta' fondi negozjati fil-borża, huwa neċessarju li l-operatur ta' suq regolat jiżgura li f'kull ħin ikun hemm arranġamenti ta' tifdija adegwati għall-investituri.

(5) L-ammissjoni għan-negozjar f'suq irregolat tal-istrumenti derivattivi msemmija fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE għandha tikkunsidra jekk hemmx biżżejjed informazzjoni disponibbli għall-valutazzjoni tad-derivattiv kif ukoll tal-assi sottostanti, u fil-każ ta' kuntratti saldati fiżikament, l-eżistenza ta' proċeduri adegwati ta' saldu u ta' konsenja.

(6) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) timponi ċerti kundizzjonijiet għall-kwoti tal-emissjonijiet sabiex ikun żgurat li dawn ikunu negozjabbli liberament u jkunu nnegozjati b'mod ġust, ordinat

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.
([2]) Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64).
([3]) Id-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 fuq l-ammissjoni ta' titoli għal-listi ta' stock exchange uffiċjali u fuq informazzjoni li għandha tkun ippubblikata fuq dawk it-titoli (ĠU L 184, 6.7.2001, p. 1).
([4]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).
([5]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).
([6]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

u effiċjenti. Kull kwota tal-emissjonijiet fit-tifsira tal-punt (11) tat-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE rikonoxxuta għall-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/87/KE għandha għalhekk tkun eliġibbli għall-ammissjoni għan-negozju f'suq regolat u l-ebda rekwiżit ieħor ma għandu jiġi impost f'dan ir-Regolament.

(7) L-arranġamenti mis-swieq regolati fir-rigward tal-ivverifikar tal-konformità tal-emittenti mal-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni u fir-rigward tal-iffaċilitar tal-aċċess għal tagħrif li jkun ġie ppubblikat skont id-dritt tal-Unjoni għandhom ikopru l-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), id-Direttiva 2003/71/KE u d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) billi dawn l-atti leġiżlattivi fihom l-obbligi ewlenin u l-aktar importanti għall-emittenti wara l-ewwel ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat.

(8) Is-swieq regolati għandhom jistabbilixxu proċeduri biex jivverifikaw il-konformità tal-emittenti ta' titoli trasferibbli mal-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni li għandhom ikunu disponibbli għall-emittenti u għall-pubbliku. Il-politika għandha tiżgura li l-kontrolli ta' konformità jkunu effiċjenti u l-emittenti għandhom jiġu infurmati dwar l-obbligi tagħhom mis-suq regolat.

(9) Is-swieq regolati għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għal informazzjoni ppubblikata skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġijiet tal-Unjoni disponibbli għall-membri u l-parteċipanti permezz ta' arranġamenti li jipprovdu għal aċċess faċli, ġust u mhux diskriminatorju għall-membri u l-parteċipanti kollha. Il-liġi rilevanti tal-Unjoni għal dawn il-finijiet tinkludi d-Direttiva 2003/71/KE, id-Direttiva 2004/109/KE, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 kif ukoll ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). L-arranġamenti ta' aċċess għandhom jiżguraw li l-membri u l-parteċipanti jkollhom aċċess fuq termini ugwali għall-informazzjoni rilevanti li jista' jkollha influwenza fuq il-valutazzjoni ta' strument finanzjarju.

(10) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, huwa neċessarju li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament kif ukoll id-dispożizzjonijiet nazzjonali relatati li jittrasponu d-Direttiva 2014/65/UE jkunu japplikaw mill-istess data.

(11) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) lill-Kummissjoni.

(12) L-ESMA għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Titoli trasferibbli — negozjabbli liberament

1. Għandu jitqies li t-titoli trasferibbli jkunu negozjabbli liberament jekk ikunu jistgħu jiġu nnegozjati bejn il-partijiet għal tranżazzjoni, u sussegwentement jiġu ttrasferiti mingħajr restrizzjoni, u jekk it-titoli kollha fl-istess klassi bħat-titolu in kwistjoni jkunu funġibbli.

2. It-titoli trasferibbli li huma suġġetti għal restrizzjoni fuq it-trasferiment ma għandhomx ikunu meqjusa bħala negozjabbli liberament skont il-paragrafu 1 sakemm ma jkunx probabbli li dik ir-restrizzjoni tfixkel is-suq. It-titoli

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

trasferibbli li ma jkunux imħallsa għalkollox jistgħu jitqiesu bħala negozjabbli liberament jekk ikunu saru arranġamenti sabiex ikun żgurat li n-negozjabbiltà ta' tali titoli ma tkunx ristretta u li tkun pubblikament disponibbli informazzjoni adegwata rigward il-fatt li t-titoli ma ġewx imħallsa għalkollox, u rigward l-implikazzjonijiet ta' dak il-fatt għall-azzjonisti.

Artikolu 2

Titoli trasferibbli — negozjar ġust, ordinat u effiċjenti

1. Meta jiġi vvalutat jekk titolu trasferibbli jistax jiġi nnegozjat b'mod ġust, ordinat u effiċjenti, is-suq irregolat għandu jqis l-informazzjoni li hija meħtieġa li tkun ippreparata skont id-Direttiva 2003/71/KE jew informazzjoni li tkun pubblikament disponibbli b'mod ieħor bħal:

(a) informazzjoni finanzjarja storika;

(b) informazzjoni dwar l-emittent;

(c) informazzjoni li tipprovdi stampa ġenerali tan-negozju.

2. Minbarra l-paragrafu 1, meta jivvaluta jekk is-sehem jistax jiġi nnegozjat b'mod ġust, ordinat u effiċjenti, suq irregolat għandu jqis id-distribuzzjoni ta' dawk l-ishma lill-pubbliku.

3. Meta jivvaluta jekk titolu trasferibbli li jissemma fil-punt (c) tal-Artikolu 4(1)(44) tad-Direttiva 2014/65/UE jkunx jista jiġi nnegozjat b'mod ġust, ordinat u effiċjenti, is-suq irregolat għandu jqis, skont in-natura tat-titolu li jkun qed jiġi ammess, jekk il-kriterji li ġejjin ikunux qed jiġu ssodisfati:

(a) it-termini tat-titolu jkunu ċari u mhux ambigwi u jaħsbu għal korrelazzjoni bejn il-prezz tat-titolu u l-prezz jew kejl ieħor tal-valur tas-sottostanti;

(b) il-prezz jew kejl ieħor tal-valur tas-sottostanti jkun affidabbli u pubblikament disponibbli;

(c) ikun hemm informazzjoni pubblikament disponibbli suffiċjenti ta' tip meħtieġ sabiex ikun ivvalutat it-titolu;

(d) l-arranġamenti biex ikun iddeterminat il-prezz tas-saldu tat-titolu jiżguraw li dan il-prezz jirrifletti b'mod xieraq il-prezz jew kejl ieħor tal-valur tas-sottostanti;

(e) fejn is-saldu tat-titolu jkun jeħtieġ jew jipprovdi għall-possibbiltà tal-konsenja ta' titolu jew ta' assi sottostanti minflok għas-saldu bi flus kontanti, ikun hemm proċeduri adegwati ta' saldu u ta' konsenja għal dak it-titolu jew assi sottostanti kif ukoll arranġamenti adegwati sabiex tinkiseb informazzjoni rilevanti dwaru.

Artikolu 3

Titoli trasferibbli — elenkar uffiċjali

Titolu trasferibbli li jkun uffiċjalment elenkat skont id-Direttiva 2001/34/KE, u li l-elenkar tiegħu ma jkunx sospiż, għandu jitqies bħala negozjabbli liberament u li jista' jiġi nnegozjat b'mod ġust, ordinat u effiċjenti.

Artikolu 4

Unitajiet u ishma f'intrapriżi ta' investiment kollettiv

1. Suq irregolat, meta jammetti unitajiet jew ishma ta' impriża ta' investiment kollettiv għan-negozjar, għandu jiżgura li jkun permess li dawk l-unitajiet jew l-ishma jinbiegħu fl-Istat Membru tas-suq regolat.

2. Meta jivvaluta jekk l-unitajiet jew ishma f'impriża ta' investiment kollettiv miftuħa jkunux jistgħu jiġu nnegozjati b'mod ġust, ordinat u effiċjenti, is-suq irregolat għandu jqis l-aspetti li ġejjin:

(a) id-distribuzzjoni ta' dawk l-unitajiet jew ishma lill-pubbliku;

(b) jekk ikunx hemm arranġamenti xierqa ta' ġenerazzjoni tas-suq, jew jekk il-kumpanija ta' ġestjoni tal-iskema tipprovdix arranġamenti alternattivi xierqa biex l-unitajiet jew l-ishma jinfdew mill-investituri;

(c) fil-każ ta' fondi negozjati f'borża, jekk, minbarra arranġamenti ta' ġenerazzjoni tas-suq, ikunux ipprovduti wkoll arranġamenti alternattivi xierqa sabiex l-investituri jkunu jistgħu jifdu unitajiet jew ishma, tal-inqas f'każijiet fejn il-valur tal-unitajiet jew l-ishma jvarja konsiderevolment mill-valur nett tal-assi;

(d) jekk il-valur tal-unitajiet jew ishma jkunx magħmul trasparenti biżżejjed għall-investituri permezz tal-pubblikazzjoni perjodika tal-valur nett tal-assi.

3. Meta jiġi vvalutat jekk l-unitajiet jew ishma f'impriża ta' investiment kollettiv magħluqa jkunux jistgħu jiġu nnegozjati b'mod ġust, ordinat u effiċjenti, is-suq irregolat għandu jqis l-aspetti li ġejjin:

(a) id-distribuzzjoni ta' dawk l-unitajiet jew ishma lill-pubbliku;

(b) jekk il-valur tal-unitajiet jew ishma jkunx suffiċjentement trasparenti għall-investituri, jew bil-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-istrateġija ta' investiment tal-fond jew bil-pubblikazzjoni perjodika tal-valur nett tal-assi.

Artikolu 5

Derivattivi

1. Meta jivvaluta jekk strument finanzjarju msemmi fil-punti (4) sa (10) tat-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE jkunx kapaċi li jiġi nnegozjat b'mod ġust, ordinat u effiċjenti, suq regolat għandu jivverifika li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-termini tal-kuntratt li jistabbilixxi l-istrument finanzjarju jkunu ċari u mhux ambigwi, u jippermettu korrelazzjoni bejn il-prezz tal-istrument finanzjarju u l-prezz jew kejl ieħor tal-valur tas-sottostanti;

(b) il-prezz jew kejl ieħor tal-valur tas-sottostanti jkun affidabbli u pubblikament disponibbli;

(c) tkun pubblikament disponibbli informazzjoni suffiċjenti ta' tip meħtieġ sabiex ikun ivvalutat id-derivattiv;

(d) l-arranġamenti biex ikun iddeterminat il-prezz tas-saldu tal-kuntratt ikunu tali li l-prezz ikun jirrifletti b'mod xieraq il-prezz jew kejl ieħor tal-valur tas-sottostanti;

(e) fejn is-saldu tad-derivattiv ikun jeħtieġ jew jipprovdi għall-possibbiltà tal-konsenja ta' titolu jew ta' assi sottostanti minflok milli ta' saldu bi flus kontanti, ikun hemm arranġamenti adegwati sabiex il-parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jiksbu informazzjoni rilevanti dwar dan is-sottostanti kif ukoll proċeduri adegwati ta' saldu u ta' konsenja għas-sottostanti.

2. Il-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għal strumenti finanzjarji msemmija fil-punti (5), (6), (7) u (10) tat-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kuntratt li jistabbilixxi dak l-istrument ikun probabbli li jipprovdi mezz ta' divulgazzjoni lis-suq, jew jippermetti li s-suq jivvaluta l-prezz jew kejl ieħor tal-valur tas-sottostanti, fejn il-prezz jew il-kejl tal-valur ma jkunx disponibbli pubblikament b'xi mod ieħor;

(b) is-suq irregolat jiżgura li jkunu ġew stabbiliti arranġamenti superviżorji xierqa sabiex ikunu mmonitorjati n-negozjar u s-saldu f'tali strumenti finanzjarji;

(c) is-suq irregolat jiżgura li s-saldu u l-konsenja, kemm jekk konsenja fiżika kif ukoll jekk b'saldu bi flus kontanti, ikunu jistgħu jsiru skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' dawk l-istrumenti finanzjarji.

Artikolu 6

Kwoti tal-emissjonijiet

Kull kwota tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (11) tat-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE rikonoxxuta għall-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/87/KE hija eliġibbli għall-ammissjoni għan-negozju f'suq regolat mingħajr rekwiżiti oħra.

Artikolu 7

Verifika ta' obbligi tal-emittent

1. Is-swieq regolati għandhom jadottaw u jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom proċeduri għall-ivverifikar tal-konformità ta' emittent ta' titolu trasferibbli mal-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni

2. Is-swieq regolati għandhom jiżguraw li l-konformità mal-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 tkun ikkontrollata b'mod effettiv skont in-natura tal-obbligu rieżaminat b'kont meħud tal-kompiti ta' superviżjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti relevanti.

3. Is-swieq regolati għandhom jiżguraw li l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 jiddeskrivu:

(a) il-proċessi li s-swieq regolati jużaw biex jiksbu l-eżitu speċifikat fil-paragrafu 1;

(b) kif emittent jistal-aħjar juri konformità mal-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 lis-suq irregolat.

4. Is-swieq irregolati għandhom jiżguraw li emittent ikun konxju mill-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 fuq ammissjoni għan-negozjar tat-titolu trasferibbli ta' dak l-emittent u fuq talba tal-emittent.

Artikolu 8

Faċilitar tal-aċċess għall-informazzjoni

Is-swieq regolati għandu jkollhom arranġamenti li jkunu faċilment aċċessibbli, bla ħlas u ppubblikati fuq is-sit web tagħhom biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-membri jew il-parteċipanti tagħhom għat-tagħrif li jkun ġie ppubblikat skont id-dritt tal-Unjoni.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mid-data li tidher fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 93(1) tad-Direttiva 2014/65/UE.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Mejju 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER